*Skont il-proviso tas-subinċiż 7(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12 , huwa l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li għandu l-poter jibqa' lura milli joħroġ, jirtira jew jissospendi projbizzjoni fuq id-dħul minħabba raġunijiet umanitarji, u għalhekk f'dan il-każ il-Bord ma setax ikun hu li jieħu d-deċiżjoni li jirtira d-divjet fuq id-dħul minħabba raġunijiet umanitarji. Imma seta' kieku ried, jagħmel rakkomandazzjoni f'dan is-sens lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 166/2018 LM

**L-Avukat Dr Charmaine Cherrett u l-PL Marie Claire Bartolo b'digriet tal-25 ta' Settembru, 2020 ġew maħtura bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Sofia Gogua**
*("l-appellata")*

***vs.***

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*("l-appellant")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**, hawnhekk "l-appellant", minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli

dwar l-Immigrazzjoni (minn issa ’l quddiem “il-Bord”), tat-28 ta’ Novembru, 2018, (minn issa ’l quddiem “id-deċiżjoni appellata”), li permezz tagħha l-Bord laqa’ l-appell tar-rikorrenti **Sofia Gogua** (hawnhekk “l-appellata”) mid-deċiżjoni tal-appellant datata 28 ta’ Marzu, 2018, u ddeċieda għal raġunijiet umanitarji li hija m’għandhiex tibqa’ pprojbita milli tidħol f’Malta.

**Fatti**

2. Fit-28 ta’ Marzu, 2018, ir-rikorrenti ġiet notifikata b’deċiżjoni ta’ ritorn jew ordni ta’ tneħħija maħruġa mill-intimat, wara li rriżulta li hija eċċediet iż-żmien li fih hija setgħet tibqa’ Malta b’xahrejn u ħamsa u għoxrin ġurnata, tul il-perijodu bejn it-3 ta’ Jannar, 2018 u t-28 ta’ Marzu, 2018. L-intimat impona wkoll terminu ta’ projbizzjoni ta’ tliet snin, li matulhom ir-rikorrenti ma setgħetx tirritorna lura Malta. L-appell quddiem il-Bord sar mir-raġel tar-rikorrenti, Denis Zhuravskii, li spjega li huwa wasal Malta f’Lulju tal-2017 sabiex jirreġistra kumpannija tat-teknoloġija tar-realtà virtwali, fejn kien akkumpanjat minn martu u minn bintu. Qal li wara li huma kollha applikaw għall-permessi ta’ residenza, huwa kontinwament ħa ħsieb iġedded il-permess ta’ residenza tiegħu meta dan skada, iżda mhux dak ta’ bintu u ta’ martu, li kienu Malta b’permessi li t-tnejn li huma skadew fit-3 ta’ Jannar, 2018. Ir-rikorrenti spjegat li dak iż-żmien hija ġiet mgħarrfa li ommha kienet fi stat ħażin ta’ saħħa, u għalhekk iddeċidiet li tmur iżżurha ġewwa r-Russja, u dan mingħajr ma ġeddet il-permess sabiex tkun tista’ tibqa’ f’Malta. Qalet li minħabba f’hekk hija spiċċat kellha tibqa’ r-Russja, u ma setgħetx tirritorna lura Malta sabiex tingħaqad ma’ żewġha.

**Mertu**

3. Ir-rikorrenti appellat quddiem il-Bord mid-deċiżjoni tal-appellant tat-28 ta' Marzu, 2018 li hija tinżamm milli tidħol lura Malta. Ir-rikorrenti spjegat li hija waslet Malta flimkien ma' żewġha u bintha f'Lulju tal-2017, fejn ir-raġel tagħha ried jiftaħ kumpannija f'Malta fil-qasam tat-teknoloġija tar-realtà virtwali, u filwaqt li r-raġel tagħha applika għall-permess ta' residenza abbażi tal-fatt li kien ser jiftaħ kumpannija f'Malta, hija u bintha applikaw għal dan il-permess abbażi tal-fatt li hija kienet qiegħda tistudja f'Malta. Qalet li minkejja li r-raġel tagħha ħa ħsieb iġedded il-permess li permezz tiegħu huwa seta' jibqa' f'Malta, hija nsiet tapplika biex iġġeded il-permess. Qalet li ommha, li tgħix ir-Russja, mardet serjament u għalhekk hija ddeċidiet li tmur iżżurha. Spjegat kif bil-fixla hija nsiet tikseb l-awtorizzazzjoni rigward l-applikazzjonijiet ta' residenza sabiex tkun tista' tibqa' hawn Malta, u ħasbet li setgħet tidħol lura Malta bis-saħħa tal-visas tad-dħul li kienu jiskadu fid-9 ta' Lulju, 2018. Qalet li l-fatt li l-familja tagħha tinsab mifruda għaliex hija ma tistax tingħaqad ma' żewġha, qiegħed jikkawża stress fil-familja tagħha, kif ukoll fil-post tax-xogħol tar-raġel tagħha.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord fit-28 ta' Novembru, 2018, il-Bord laqa' l-appell tar-rikorrenti għal raġunijiet umanitarji, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Submissions filed and observations of the Board***

*According to the Return Decision/Removal Order issued by the PIO on 28th March, 2018, the appellant had been overstaying for two months and twenty-five days (between 3rd January, 2018 and 28th March, 2018). The PIO also elected to apply a three-year entry ban.*

*An appeal was filed by Denis Zhuravskii (177442A) who stated that he was the appellant's husband. He attached a sworn declaration to his appeal in which the following was stated:*

- *He arrived in Malta in July 2017 to set up a company related to virtual reality technology and was accompanied by his wife and daughter. Following the relative applications for residence, Mr Zhuravskii stated that although he had regularly renewed his own permission to remain in Malta pending a decision on the residence applications, he had inadvertently forgotten to continue to extend his wife's and his daughter's authorisations, which expired on 3rd January, 2018.*
- *The appellant and her family received news that her mother, Sinistova Galina Konstantinovna, who was unwell, had deteriorated further. As a result, the appellant decided to visit her mother in Russia. However, in so doing, they also forgot that they had not been renewing their permissions to remain in Malta pending an outcome on the relative residence applications. As a result of all of this, his wife ended up stranded in Russia and was unable to return to Malta to join her husband.*

*The Board observed that in support of the appeal, the appellant's husband submitted a translated and authenticated copy of the medical certificate which confirmed that the appellant's mother had suffered a stroke which needed emergency hospitalisation. He also submitted authenticated translations, the certificates of marriage, birth (concerning the couple's daughter) and schooling.*

*Identity Malta informed the Board that the appellant and her minor daughter had both applied for a residence permit to be issued in their favour on the basis of their studies. However, their applications were withdrawn by Identity Malta as permission had to be issued by the Central Visa Unit, not by Identity Malta.*

*In view of the exhaustive documentation filed in support of the appeal, the Board is convinced that the appellant's departure from Malta was really due to rapid deterioration in her mother's condition. The Board is similarly satisfied that the*

*appellant and her husband are married and have a daughter who attends a school within the precincts of the Embassy of the Russian Federation in Malta.*

*The Board observes in particular that the appellant's husband admitted that the failure to renew interim permission for his wife and daughter to remain in Malta with him was his own fault. The Board, therefore, cannot adopt a line of reasoning which grants a stamp of approval to his negligence. The Board further observes that the state of illegality would most likely have persisted undiscovered had the appellant's departure not been necessitated by her mother's deterioration.*

*However, in particular view of the appellant's mother which necessitated urgent departure from Malta as well as in view of the fact that other than the Return Decision / Removal Order, there are no negative remarks whatsoever against the family, the Board is choosing to take cognizance of the humanitarian dimension of the case and in the circumstances, considers that it would be unjust to allow the entry ban to remain.*

***<u>Decision</u>***

*Therefore, for the reasons described hereinabove as well as after having seen Chapter 217 of the Laws of Malta, the Board finds in favour of the appellant and revokes the entry ban imposed by the PIO."*

## **<u>L-Appell</u>**

5. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fil-5 ta' Diċembru, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Bord tal-Appelli dwar Immigrazzjoni tat-28 ta' Novembru, 2018 fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata."*

L-appellant qal li huwa ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u bid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni, għaliex fil-fehma tiegħu l-Bord mar oltre dak permess mil-liġi u applika r-

regolamenti b'mod żbaljat għall-appell li kellu quddiemu. L-appellant qal li l-Bord injora għalkollox ir-rekwiżiti imposti mill-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12. L-appellant għamel riferiment għal dak li jgħid l-artikolu 25A (1)(ċ) tal-Kap. 217 u qal li l-Bord ma jistax jiddeċiedi dwar appelli quddiemu mingħajr ma jispeċifika fuq liema bażi legali huwa jkun qiegħed isejjes id-deċiżjoni tiegħu. Qal li l-Bord għandu biss is-setgħa li jiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni hijiex waħda legalment korretta jew le. Spjega li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni huwa marbut bit-termini tar-regolament 3(6) tal-Liġi Sussidjarja 217.12, li jgħid li deċiżjoni ta' ritorn akkumpanjata minn deċiżjoni ta' tneħħija għandha tiġi eżegwita fuq ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ser joħroġ miż-żona Schengen minn Malta, jekk huwa jonqos milli jħares xi kundizzjoni, inkluż kundizzjoni implikata, li taħtha huwa ngħata l-permess li jinżel jew li jinżel u jibqa' f'Malta, jew ikun ingħata permess ta' residenza. L-appellant spjega li l-appellata f'dan il-każ hija ċittadina ta' pajjiż terz, li kienet qiegħda f'Malta illegalment għal perijodu ta' xahrejn u ħamsa u għoxrin ġurnata, kif ikkonfermat anki mir-raġel tagħha stess. L-appellant qal li fil-fatt il-Bord ma ċċensurax id-deċiżjoni tiegħu dwar il-projbizzjoni fuq id-dħul, id-deċiżjoni ta' ritorn u l-ordni ta' tkeċċija tal-appellata, bħala deċiżjonijiet li ttieħdu kontra l-liġi.

6. L-appellant qal li għalhekk il-Bord naqas milli jiddeċiedi l-appell li kellu quddiemu *ai termini* tal-liġi, u l-Bord naqas milli jindirizza konsiderazzjonijiet li għamel huwa stess. Qal li fil-fatt il-Bord stess ikkonsidra li r-raġel tal-appellata naqas fi dmirijietu meta nesa jġedded l-awtorizzazzjonijiet tal-mara u tat-tifla tiegħu, li skadew fit-3 ta' Jannar, 2018. Qal ukoll li l-fatt li omm l-appellata

kienet ma tiflaħx, u għalhekk l-appellata kellha ssiefer lejn pajjiżha sabiex iżżur lil ommha, m'għandha l-ebda rilevanza għall-fatt li d-deċiżjoni tiegħu kienet korretta fattwalment u legalment. Kien il-Bord stess li rrileva li l-illegalità tar-residenza tal-appellata f'Malta telgħet f'wiċċ l-ilma biss meta hija kellha bżonn issiefer lejn ir-Russja, u li kieku l-appellata ma kellhiex għalfejn issiefer, aktarx li l-istat ta' illegalità li kienet fih l-appellata kien jippersisti għal żmien itwal. L-appellant qal li f'dan il-każ, id-deċiżjoni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kienet maħsuba biex tindirizza l-illegalità tal-appellata, u xejn aktar, u minkejja li s-sitwazzjoni li sabet ruħha fiha l-appellata hija waħda sfortunata u infeliċi, m'hemm xejn li jneħħi l-fatt li l-appellant qeda dmiru *ai termini* tar-regolament 3(6) tal-Liġi Sussidjarja 217.12, u dik id-deċiżjoni kienet waħda korretta. L-appellant qal li f'dan il-każ il-Bord applika r-regolamenti b'mod żbaljat anki fir-rigward tar-regolament 7(5) u (6) tal-Liġi Sussidjarja 217.12, għaliex il-Bord m'għandux is-setgħa li jordna t-tneħħija tad-divjet fuq id-dħul abbażi ta' raġunijiet umanitarji, għaliex l-istess regolament jagħti setgħa bħal dik lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u mhux lill-Bord. L-appellant issuġġerixxa li f'dan il-każ, il-Bord seta' biss jagħmel rakkomandazzjonijiet lilu sabiex il-projbizzjoni tad-dħul tiġi sospiża jew imneħħija għalkollox. Żied jgħid li huwa għandu obbligu li jħares dak li tgħid il-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12, u li jiddeċiedi dwar jekk ir-rekwiżiti legali imposti fuq l-appellata ġewx sodisfatti, u mhux jiddeċiedi fuq materji li m'għandu l-ebda kompetenza dwarhom.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. F'dawn il-proċeduri l-Qorti ħatret kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-appellata li hija assenti minn Malta, li fir-risposta tagħhom dawn qalu li huma mhumiex edotti mill-fatti tal-każ.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Permezz tar-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant qiegħed jinsisti li bid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord mar lil hinn mill-poteri fdati lilu bil-liġi, u għalhekk applika r-regolamenti b'mod żbaljat fiċ-ċirkostanzi tal-appell li kellu quddiemu. L-appellant jgħid li l-Bord qatt ma kellu jiddeċiedi li l-appell tal-appellata kellu jintlaqa' għal raġunijiet umanitarji, għaliex il-liġi ma tagħtix il-fakoltà lill-Bord l-awtorità li jagħmel dan. Jekk kien tal-fehma li l-ilment tal-appellata kien jimmerita attenzjoni għal raġunijiet umanitarji, il-Bord kien tenut li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-appellant f'dak is-sens, iżda ma kellux ikun il-Bord li minn jeddu jiddeċiedi li d-divjet fir-rigward tal-appellata kellu jitneħħa.

9. Jirriżulta li wara li l-Bord ikkonsidra l-fatti tal-każ, bl-unika raġuni għalfejn l-appellata naqset milli ġġedded il-permess li permezz tiegħu setgħet tibqa' tgħix hawn Malta, tkun in-nuqqas ta' ħsieb jew negliġenza tar-raġel tagħha, il-Bord wasal għall-konklużjoni li l-appellanta għandha titħalla tidħol lura f'Malta u tingħaqad mal-familja tagħha għal raġunijiet umanitarji. L-appellata kienet inżammet milli tirritorna lura Malta, wara li żaret ir-Russja fejn kellha lil ommha ma tiflaħx. Fiż-żmien meta l-appellanta telqet minn

Malta, hija kellha l-permess ta' residenza tagħha skadut, bi ksur tar-regolament 3(6) tal-Liġi sussidjarja 217.12, li jgħid illi:

> "... deċiżjoni ta' ritorn akkumpanjata minn ordni ta' tneħħija ... (li) għandha tiġi eżegwita fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ser joħroġ miż-żona Schengen minn Malta jekk hu jonqos jew jieqaf milli jħares xi kondizzjoni, inkluż kondizzjoni implikata, li taħtha hu ingħata l-permess li jinżel jew li jinżel u jibqa' f'Malta jew ikun ingħata permess ta' residenza."

Fil-każ odjern, sostna l-appellant, irriżulta li l-appellata kisret dan l-artikolu tal-liġi meta hija naqset milli ġġedded il-permess ta' residenza tagħha qabel skada, u minkejja li jirriżulta li dan sar b'negliġenza, jew b'*oversight,* is-sitwazzjoni tal-appellata hija tali li din ħarġet minn Malta biex tmur lejn pajjiż li mhux fiż-żona Schengen, waqt li kienet fi stat ta' ksur ta' waħda mill-kundizzjonijiet li kellha tħares biex setgħet tibqa' f'Malta. Jirriżulta għalhekk li d-deċiżjoni tal-appellant kienet waħda li ttieħdet b'rispett sħiħ u b'ħarsien ta' dak li tipprovdi l-liġi. Skont il-*proviso* tas-subinċiż 7(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12[1], huwa l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni li għandu l-poter jibqa' lura milli joħroġ, jirtira jew jissospendi projbizzjoni fuq id-dħul minħabba raġunijiet umanitarji, u għalhekk f'dan il-każ il-Bord ma setax ikun hu li jieħu d-deċiżjoni li jirtira d-divjet fuq id-dħul minħabba raġunijiet umanitarji. Imma seta' kieku ried, jagħmel rakkomandazzjoni f'dan is-sens lill-appellant, kif sar f'deċiżjonijiet oħrajn simili.

[1] Il-*proviso* tas-sub-inċiż 7(6) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.12 jgħid hekk: *"Iżda l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jista' jonqos milli joħroġ, jirtira jew jissospendi projbizzjoni fuq id-dħul minħabba f'raġunijiet umanitarji jew raġunijiet oħra illi jista' jqis xierqa."*

Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa rakkomandat għal raġunijiet umanitarji, illi d-divjet fuq id-dħul tal-appellata u ta' bintha ġewwa Malta, jiġi rtirat.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-appellant huwa mistħoqq u tilqgħu, filwaqt li tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-appellant sabiex dan jagħti deċiżjoni li tkun tirrifletti l-konsiderazzjonijiet li saru mill-Qorti f'din is-sentenza tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-aggravju tal-appellant, filwaqt li qiegħda tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura lill-Bord sabiex dan jagħti deċiżjoni li tkun tirrifletti l-konsiderazzjonijiet li tqajmu mill-Qorti f'din is-sentenza.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**